# MALTA

## TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2016

**Talba numru: 874/2015AM3**

**Lista Numru: 34**

**GO plc (C22334)**

**Vs**

**Claudio Ciantar (ID267076M)**

**37, Claumar,**

**Triq il-Blanzuni,**

**H'Attard**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tal-attur tal-11 ta' Novembru, 2015 li permezz taghha talab li l-konvenut ghandu jhallas lis-Socjeta` attrici s-somma ta' erba' mija u disgha u ghoxrin ewro u erbgha u sebghin centezmu (€429.74c) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni l-akkont numru A/C 40193530 moghtija mis-Socjeta` attrici lil konvenut. Bl-ispejjez kontra l-istess konvenut u bl-imghaxijiet legali kontra l-istess konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa li t-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt; li l-konvenut kien ittermina s-servizz in kwistjoni f'Settembru tas-sena 2012 fejn kien mar personalment f'Outlet tas-Socjeta' attrici u tahom din l-istruzzjoni; li jekk kien hemm xi nuqqas da parti tas-Socjeta` attrici m'ghandux ibati l-konsegwenzi l-konvenut; li jigi rilevat ukoll li huwa qatt ma rcieva l-allegati kontijiet kif qed tallega s-Socjeta` attrici u l-unika korrispondenza li rcieva kien l-ittra ufficjali li ghaliha kien ipprezenta risposta entro t-termini rikjesti mil-ligi; li dan kollu ser jigi pruvat f'iktar dettal waqt it-trattazzjoni ta' din it-talba izda l-konvenut m'ghandu jaghti xejn lill-istess Socjeta` attrici ghar-ragunijiet esposti u dawk li ser jigu spjegati; bl-ispejjez.

Ra l-affidavit ta' Charmaine Wiffen in rapprezentanza tas-Socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut u li l-konvenut ma hallas xejn mill-prezentata ta' dan l-avviz u li ma' dan l-ammont iridu jizdiedu l-imghaxijiet u l-ispejjez legali u s-somma ta' tletin ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€30.27c) spejjez in konnessjoni ma' ittra ufficjali numru 312/15. Xehdet ukoll li wara li giet prezentata din l-ittra ufficjali tad-19 ta' Frar, 2015 l-apparat gie ritornat u din ir-raguni ghaliex l-ammont mitlub f'din il-kawza huwa anqas minn dak li jidher fl-istess ittra ufficjali.

Ra l-kontro-ezami tal-istess Wiffen li setghet tirrispondi biss dwar l-ammont dovut u mhux x'gara fl-Outlet fejn il-konvenut jallega li mar u infurmahom li ser jittermina s-servizz.

Ra l-affidvit tal-konvenut a fol 22 et li permezz tieghhu huwa jammetti li kien applika ghas-servizz mal-GO fl-indirizz f'San Gwann fejn kien jghix mal-ex tfajla tieghu. Xehed li qabel telaq minn San Gwann huwa mar personalment ghand tal-GO f'Outlet li ghandhom Tas-Sliema u informahom li xtaq jittermina l-kuntratt tieghu u "Ir-rapprezentant tal-GO qalli li ha nota tal-indirizz u li kollox kien sew u li kien ser jiehu hsieb". Kien jaf li kien ser ikun hemm kont iehor ghax naturalment kien ghad irid johrog il-kont sa dak iz-zmien li kien ittermina pero` tal-Outlet ma qallu xejn aktar u haseb li kollox kien 'cleared'. Difatti kien informa lill-ex tfajla tieghu u qallha biex tiehu hsieb l-ahhar kont li kellha tircievi u tibghatlu l-ircevuta u hekk ghamlet. Huwa baqa` bl-impressjoni li kollox kien imhallas u lest.

Wara huwa qatt ma rcieva xejn sakemm ircieva l-ittra ufficjali numru 312/15 fl-indirizz tieghu f'Hat-Attard u huwa rrispondiha. Huwa rega kkontenda li la tal-Outlet ma qalulu xejn ma ghandux ihallas dak li qed titlob is-Socjeta` attrici.

In kontro-ezami l-konvenut ammetta li kien irritorna l-kaxxa wara li ircieva l-ittra ufficjali u li rega rrepeta li la tal-Outlet ma qallu xejn meta mar jinformhom li ttermina s-servizz huwa ma ghandu jaghti xejn u li sa meta irceva l-ittra ufficjali huwa qatt ma kien irceva xejn minghand is-Socjeta` attrici.

Ra l-verbal tas-seduta tal-14 ta' Ottubru, 2016 li permezz tieghu l-partijiet ddikjaraw li ghalqu l-provi u trattaw il-kawza.

Ra d-dokumenti kollha esebiti mill-partijiet.

Ikkunsidra,

Li din hija kawza dwar bilanc dovut. Il-konvenut kien joqghod f'San Gwann u meta ma baqghax joqghod hemm jghid fis-sena 2012 mar f'Outlet tal-GO tas-Sliema u nfurmhom li qed jittermina s-servizz. Huwa rritorna l-apparat meta rcieva l-ittra ufficjali u fi Frar, 2013 sar pagament ghalkemm huwa jikkontendi li dan ma sarx minnu. Hadd ma kien qallu li kien hemm xi kont pendenti sakemm ircieva l-ittra ufficjali minghand is-Socjeta` attrici. Skont il-konvenut is-Socjeta` attrici ma setghetx tohrog kont wara sentejn li waqqaf is-servizz.

F'din il-kawza ghalhekk jehtieg li dan it-Tribunal jifli l-ftehim li ghamel il-konvenut mas-Socjeta` attrici li huwa esebit fol 4 et tal-process u partikolarment dak indikat bhala numru 4 'Declaration' li permezz tieghu l-konvenut kien accetta li joqghod ghal kondizzjonijiet *"Contained in GO's Conditions for The Telephone Service copy of which available from any of GO's branch office or from GO's website www.go.com.mt. I hereby agree that I have read and understood these terms and conditions and agree to abide by them."*

Ghalkemm fil-fehma ta' dan it-Tribunal is-Socjeta` attrici taghmel hazin ma tannettix kopja ta' dawn il-kondizzjonijiet mal-kuntratt li jaghmlu l-klijenti taghha fosthom il-konvenut, tali kondizzjonijiet fir-regolament numru 5 jghid car u tond "If you decide to terminate or not renew the Bundle, you may still retain any or all of the Services Individually. In this case, the charges as specified in the respective Tariff Plan or Schedule of Charges shall apply."

Ghalhekk dan it-Tribunal jirrakomanda lis-Socjeta` attrici sabiex tannetti kopja ta' dawn il-kondizzjonijiet mal-applikazzjoni taghha.

Ghalhekk ukoll dan it-Tribunal ma jistghax jaqbel mal-konvenut li tal-Outlet tas-Socjeta` attrici ma semmietlu xejn dwar kontijiet pendenti huwa ma ghandu jaghti xejn u dan stante li huwa kien obbliga ruhu meta ffirma l-kuntratt li joqghod ghal dawn it-Terms and Conditions tal-GO relatati mal-Bundle Service Agreement Home Pack 33 ("The Bundle").

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-Socjeta` attrici u jordna lil konvenut ihallas is-somma ta' erba` mija u disgha u ghoxrin ewro u erbgha u sebghin centezmu (€429.74c) bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza u mhux qabel stante li l-konvenut qatt ma saritlu referenza ghal kondizzjonijiet li huwa obbliga ruhu li joqghod ghalihom.

Bl-ispejjez a karigu tal-konvenut.

Dan it-Tribunal qed jordna wkoll li kopja ta' din id-decizjoni tintbaghat lil Malta Communications Authority.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**